# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum is-6 ta' Novembru, 2017**

**Rikors Numru 425/2017**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru**
**kawtelatorju Numru 1218/2015**
**fl-ismijiet:**

***The General Soft Drinks Company Limited***
**(C-1591)**

**vs.**

**Is-socjeta`** ***Food Express Limited***
**(C-48308)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors promotur datat is-16 ta' Mejju, 2017, li permezz tieghu s-socjeta` hawn rikorrenti *Food Express Limited* sintetikament esponiet is-segwenti, (ara foll 1);

1.1. Illi b'digriet datat it-30 ta' Lulju, 2015, inhareg il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju fuq indikat fl-ismijiet hemm premessi, ghas-somma ta' €47,227.23;

1.2. Illi sadanittant il-partijiet ittransigew il-pendenzi ta' bejniethom;

1.3. Illi la l-ammonti depozitati jigu zbankati mis-socjeta` sekwestranti hawn intimata, l-mandat *de quo* m'ghandux jinzamm fis-sehh;

1.4. Illi ghalhekk aderiet din il-qorti biex din:

1.4.1. Tordna r-revoka tal-mandat fuq riferit *ai termini* tal-artiklu 836(1) (a) (d) (f) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

1.4.2. Bl-ispejjez;

2. Rat id-digriet taghha datat t-18 ta' Mejju, 2017, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 8);

3. Semghet lill-abbli rapprezentant legali tas-socjeta` sekwestranti odjerna jinforma lill-qorti li l-istess socjeta` awtorizzatu jaghti l-kunsens taghha biex il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju odjern jigi revokat *stante* is-saldu tal-ammont minnha pretiz;

4. Ezaminat id-dokumenti esposti;

Ikkunsidrat:

5.0. Illi in vista tal-verbal fuq riferit datat it-2 ta' Novembru, 2017, din il-qorti hi sodisfatta li m'hemmx aktar lok ghall-mandat in dizamina, u konsegwentement:

**DECIDE:**

5.1. Tirrevoka l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju fuq indikat, Rikors Numru 1218/2015;

5.2. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` sekwestranti hawn intimata.

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**